# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 2/2017

15 ta' Frar 2017

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:3:00 pm. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda kmieni.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |

Assenti b'ittra ta' Apoligija

| | |
|---|---|
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

2.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji

Id-Deputat Segetarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-apologija tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil li jinsab l-isptar. Huwa qiegħed jiġi skużat mil-laqgħa. Is-Sindku u l-kunsilliera awguraw fejqan ta' malajr lil Kunsillier Pietru Pawl Busuttil.

2.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

2.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

2.2.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi kienet tefgħet l-applikazzjoni għal Bicycle Racks li kien hemm mill-Ministeru tal-Finanzi. Hija ukoll uriethom il-kwotazzjonijiet li kienet ġabret. Il-Viċi-Sindku qabel ma din l-inizjattiva pero' jħoss illi għandna nagħmlu survey sabiex nidentifikaw jekk għandnix inwaħħlu dawn il-Bicycle Racks. Wara li saret diskussjoni l-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu użu minn din l-inizjattiva għaliex wara kollox, f'Malta hawn problema kbira ta' traffiku għalhekk inkunu qiegħdin ngħinu sabiex inħeġġu aktar nies jagħmlu użu mir-roti tagħhom.

2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1 Update Mizura 4.3 Fond Agrikolu Ewropew għall-iżvilupp Rurali

Is-Sindku qal li kien hemm Consultation meeting l-AKL fuq dan l-iżvilupp. Bażikament din hija miżura għal toroq rural li ħa tibbenefika art agrikolu u bdiewa rreġistrati. Il-fond ser ikun 90% imħallas mill-EU u 10% iridu noħorġuhom aħna. Is-Sindku qal li mal-Perit kien tkellem fuq triq fejn hemm Gnien ta' Ball sal-Bore Hole, u bħala stima l-Perit kien qal li għandna madwar 250,000 Euro. Il-Sindku qal li huwa kellu l-ħsieb forsi Transport Malta jagħmlu l-parti li jibqa' sat-triq li tagħti għal Birzebbugia, pero' waqt laqgħa li kellu mal-Ministru tat-Trasport dan qallu li kienu ser japplikaw għal din it-triq kollha huma u għalhekk il-Kunsill kellu jiddentifika triq oħra. Il-Kunsill issa qabel li għandna napplikaw għal Triq Qerd in-Naħal minn fejn jispiċċa l-bini sa Misrah Ħlantun. Hekk ukoll nkunu qed insolvu l-problema tal-ilma.

2.3.2 Proposta għall-parkjar fi Triq ta' Gawhar/Triq Qerd in-Naħal

Is-sindku qal li kien iddiskuta l-ispazju li hemm fi Triq ta' Gawhar/Triq Qerd in-Naħal mal-Perit ta' Transport Malta. Fuq dan is-survey Transport Malta ħarġu bi pjanta li fiha xi 14-il parkeġġ u sistema ta' traffic management magħha. Saret diskussjoni kif għandu jiġi ddireġit it-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandha issir din il-proposta li ħa sservi għal ħafna parkeġġ ġdid li tant hu utli għar-raħal.

2.3.3 Is-Sindku qal li rigward il-laring tal-bakkaljaw li għandna fi Ġnien ta' Ball, flok li ħafna minnu qiegħed jaqa' u jintrema' għandna nibdew nagħmluh marmalade. Is-Sindku qal li ltaqa' ma Jorge Spiteri li laqqgħu ma persuna li taf din is-sengħa. Il-ħsieb tas-Sindku huwa li nibdew nibbotiljaw il-marmalade f'vazetti b'labelling tal-Ġnien ta' Ball li jservi bħala prodott tipiku tar-raħal tagħna. F'Diċembru jekk ikun għad fadal anki nistgħu nagħtu vazett marmalade mal-hampers tal-anzjani.

2.3.4 Is-Sindku qal li rċieva talba sabiex nżidu bozza ġdida fi Triq San Pawl l-isfel mill-mera biex ikun hemm aktar dawl fuq l-istage u naqra aktar il-fuq. Is-Sindku qal li hemm speċi ta' blind spot zgħira. Saret diskussjoni jekk hemmx il-bżonn ta' din il-bozza. Il-kunsill qabel li din għandha ssir wara li nidentifikaw kemm hemm dlam.

Il-Viċi Sindku ressaq it-talba sabiex isir aktar dawl ħdejn il-Mitħna tax-Xarolla fl-isqaq faċċata tan-nagħal għaliex bħalissa għandna l-problema li tfal minn Ħal Safi u l-madwar qiegħdin jabbużaw mid-droga f'dan l-istess post. Is-Sindku kkonferma illi huwa diġa' kien għadda dan ir-rapport lil pulizija. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta. Is-Sindku qal li se jiccekkja l-area matul il-lejl u jara jekk hemmx nuqqas ta' dawl.

2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

2.4.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li konna rċievejna statement illi issa bħala UIF funds għandna allokati 22,952 Euros. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi dawn il-quddiem ser inkunu nistgħu nużawhom fuq il-bandli.

2.4.2 Id-Deputat Segretarju qalet illi konna rċievejna ilment illi familja ilha toqgħod Ħal Safi xi għaxar snin, u fejn toqgħod ma jidhirx li hemm indirizz. Din il-familja tixtieq illi din it-triq tingħata isem li jkun jidher fuq Google map. Il-Viċi Sindku qal li għandu jiċċekja fuq il-GPS tal-ambulanzi sabiex jara t-triq hijiex irreġistrata. Il-Kunsill qabel illi għandna napplikaw ma' Street Naming Committee.

2.4.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet bagħtet lil Kunsilliera kollha l-emajl li tirrigwardja l-allowance tagħhom.

Fil-4.45 pm il-Kunsilliera Carlo Stivala ġie skużat.

2.4.4 Il-kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet rigward E-Mail fuq project proposal under the Asylum, Migration and Integration Fund. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet formola ta' reġistrazzjoni fuq proposta tal-Unjoni Ewropea li kienet tirrigwardja postijiet ta' xelter għar-refuġjati.

2.4.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet fuq e-Mail rigward upgrade fi Triq il-Kuċċard. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li din kienet suġġeriment fejn għandha ssir manhole li hemm quddiem id-dar ta' din il-persuna u li konna għaddejniha lil Transport Malta li qiegħdin jieħdu ħsieb din it-Triq.

2.4.6 Il-Kunsillier Joanna saqsiet rigward dwar skema ta' finanzjarjament għall-attivitajiet kulturali mid-dipartiment. Id-Deputat Segretarju qalet li kienet skema għal finanzjarjament għall-attivitajiet kulturali li l-kunsilli kienu ser jorganizzaw bejn Jannar u Ġunju ta' din is-sena. Aħna peress li din is-sena konna ddeċidejna li ma nerġgħux nagħmlu l-Wasla ta' Sir Alexander Ball ma konniex applikajna għal din l-iskema.

2.5 Rapporti

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Financial Statements tas-sena 2016 lis-Sindku u l-kunsilliera kollha. Hija spjegat kif is-sena 2016 morna tajjeb ħafna, u li konna ser nispiċċaw b'surplus ta' 13,480 Euros sabiex ikunu jistgħu jagħmlu tajjeb għal proġetti li ser nagħmlu din is-sena. Il-Kunsill approva dawn il-Financial Statements għas sena 2016.

2.6 Items oħra

2.6.1 Ħatra għal librara

Rigward il-ħatra tal-librar id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet illi applikaw wieħed u għoxrin persuna, pero' minnhom sebgħa biss qagħdu għal interview li kien nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2017. Bħala bord tal-għażla kienu s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsillier is-Sur Carlo Stivala flimkien mas-sinjorina Cheryl Falzon is-CEO tal-libreriji. Fuq suġġeriment tas-sinjorina Falzon, il-kunsill qabel unanimament illi l-librara l-ġdida għandha tkun s-Sinjorina Bernice Zammit. Il-Kunsill qabel ma din il-ħatra.

2.6.2 Reserved Parking Misrah San Guzepp

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi rċievejna mingħand Transport Malta rigward reserved parking li hemm f'Misrah San Guzepp li m'ghadx għandu permess għaliha. Il-Kunsill qabel li dan ir-reserved parking għandu jitneħħa.

2.6.3 Tabella taż-Żurrieq fil-konfini tagħna

Is-Sindku qal illi diġa kien qal lil kunsill fuq il-problema li kellna mal-Kunsill taż-Żurrieq. Is-Sindku qal li fuq din il-problema flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kien ltaqa' mad-Direttur tal-Gvern Lokali u s-Segretarju Eżekuttiv taż-Żurrieq flimkien mal-kunsillier D'Amato. Waqt il-laqgħa ġie deċiż li l-każ għandu jgħaddi għand l-Avukat Ġenerali. Is-Sindku qara' l-korrispondenza li rċievejna mingħand l-Avukat Ġenerali lil kunsilliera. Aħna wara li konna ħadna din ir-risposta tellajna l-arblu bil-bandiera ta' Ħal Safi nhar il-Ħamis 9 ta' Frar 2017. Is-Sibt 11 ta' Frar il-Kunsill taż-Żurrieq jidher illi għat-tielet darba fl-istorja reġgħu qalgħu t-tabella tagħhom u poġġew t-tabella tagħhom eżatt quddiem l-arblu ta' Ħal Safi. Il-kunsill qabel li għandna nibagħtu ittra lil Avukat Ġenerali sabiex niccaraw xi punti u li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din tiġi diskussa b'mod amikevoli.

2.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

2.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.45 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun l-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017 fit-5:00 pm.

Johan Mula<br>Sindku

Doris Baldacchino<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv

Iffirmati